MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2006

Numru 845/1999

Il-Pulizija
(Sp Walter Spiteri u
Sp Lawrence Cutajar)
vs
Francois Pace, iben Joseph,
imwieled Pieta' fit-8 ta'
ottubru, 1981

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fl-24 ta' novembru, 1999 għal ħabta tas-7.00 a.m. f'Ħal-Għaxaq, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna offiża gravi fuq il-persuna ta' Josef Debono, li ġġib il-kosegwenzi msemmija fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali u bi ksur tal-artikoli 225 u 226(1)(a) tal-istess Kodiċi skond kif

iċċertifika Dr. Edward Darmanin M.D. ta’ l-Isptar San Luqa;

2. talli fl-24 ta’ novembru, 1999 għal ħabta tal-5.00 a.m. f’Ħal-Għaxaq seraq senter tal-għamla SKB, serial no. S1951203, liema serq hu aggravat bil-lok, bil-persuna u bil-valur li jaqbeż il-mitt lira maltin (Lm100) iżda anqas minn elf liri maltin (Lm1,000) għad-dannu ta’ missieru Joseph Pace;

3. talli żamm, ġarr u spara arma tan-nar mingħajr liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti ġiet mitluba li minbarra li tagħti l-piena stabbilita mill-liġi tordna l-konfiska ta’ l-arma tan-nar imsemmija, kif ukoll tordna s-sospensjoni tal-liċenżji għal perjodu li jidrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta’ l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi fl-24 ta’ novembru, 1999 l-imputat flimkien ma Josef Debono u Charles Pace kienu flimkien f’wied Ħal-Għaxaq, ftit bogħod mill-kamra tan-nar li hemm fil-lokal.  It-tlett persuni kienu armati u kienu għal kaċċa jistennew li jitfaċċja xi għasfur.  Dan kien ftit qabel is-sebgħa ta’ fil-għodu.

Illi Josef Debono u l-imputat kienu ħbieb u Josef Debono kien imur ħdejn ta’ Pace għaliex huma kellhom territorju għal kaċċa.  Charles Pace hu ż-żiju ta’ l-imputat u il-ġenituri ta’ l-imputat kienu jħalluh jikkaċċa għaliex kien ikunu hemm żijuh.

Illi l-imputat hu akkużat li dak in-nhar ta’ l-inċident hu seraq is-senter tal-marka SKB lil missieru.  Mill-provi prodotti u speċifikatament mill-xhieda ta’ missier l-imputat, John Pace, jirrizulta li l-imputat ħa l-arma bil-kunsens ta’

missieru anki jekk missieru kien jaf li l-imputat ma setgħax iġorr ebda arma għaliex ma kellhux liċenzja għal dan il-għan. Jirrizulta ampjament li l-imputat kellu fil-pussess tiegħu arma mingħajr liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi l-inċident meritu ta' din il-kawża meta l-imputat ra gallina. L-imputat u it-tnejn l-oħra ddeċidew li jippruvaw jaqbdu din il-gallina. Għaldaqstant, huma tferrxu fi forma ta' triangolu biex ikun zguri li jaqbdu dan l-għasfur. Fuq il-post ma kien hemm ħadd għajr il-persuni hawn fuq imsemmija. Charles Pace kellu kelb u għalhekk ftehmu li Carmelo Pace imur għall-gallina fil-waqt li l-imputat u Josef Debono jisparaw.

Illi din il-gallina ħarġet minn ġo s-siġra Charles Pace, Josef Debono u l-imputat sparaw għaliha. Konsegwenza ta' din l-isparatura Josef Debono spiċċa li ġie milqut minn wieħed mit-tnejn l-oħra. Hu sofra ferita ta' natura gravi għaliex hu pratikament tilef l-użu ta' għajnejh il-leminija għaliex din ġiet perforata minn pellet. Kellu fuq il-persuna tiegħu, kif jirrizulta aħjar meta wieħed jara r-ritratti, numru kbir ta' pellets iżda dawn kollha taw lok għal feriti superfiċjali.

Illi mill-analiżi tal-pożizzjoni tat-tlett persuni hu ċar li l-uniċi żewġ persuni 'in line of sight' kienu l-imputat u Josef Debono. Il-pożizzjoni ma Charles Pace ma setgħet twassal qatt li jolqot lil Josef Debono f'għajnejh. Din il-konkluzjoni hi konfortata wkoll mill-perizja teknika tal-espert tal-ballistika. Fir-relazzjoni tiegħu, liema relazzjoni tifforma parti ntegrali ta' din is-sentenza, hu spjega kif il-post fejn ġara l-inċident ma kienx fil-wita iżda kien hemm livelli differenti. Hu wasal għal konkluzjoni li l-imputat biss seta' laqgħat lil Josef Debono. Waqt l-aċċess li sar fuq il-post flimkien ma l-esperti u l-partijiet kollha deher ċar li l-pożizzjoni ta' l-imputat kienet l-unika waħda li setgħet twassal għal fatt li jintlaqat Josef Debono. Charles Pace ma kienx f'pożizzjoni li jolqot lil Josef Debono. Għalhekk, l-imputat hu responsabbli għal dan l-inċiddent sfortunat iżda hu messu ntebaħ li l-gallina ġiet bejniethom u messu uża kawtela u ma sparax lejn din il-gallina.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża.  Issibu ħati tal-ewwel u tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 218(1)(a), 225 u 226(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta.  Rat il-fedina penali netta ta'
l-imputat u il-fatt li dan kien inċident sfortunat.
Tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija.  Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum.
Tinibixxi lill-imputat li jkollu kwalunkwe liċenzja li tirrigwarda l-armi għal perjodu ta' sena mil-lum.  Fiċ-ċirkostanżi tal-każ tordna l-konfiska tas-senter eżebit favur il-Gvern ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------